MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 753/2013

**Joseph Sammut (I.D. No. 262650 M)**

**u Maria Stella Sammut (I.D. No. 335353 M)**

**vs.**

**Carmelo *sive* Charles Scerri u martu**

**Carmen Scerri (I.D. No. 823357 M) u (I.D. No. 567559 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-6 t'Awwissu, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti:

1.1. Illi l-kontendenti fuq indikati kienu involuti f'kawza numru 224/2006, deciza fis-26 ta' Gunju, 2012, minn din il-qorti diversament preseduta u mhux appellata;

1.2. Illi l-intimati xtraw art minghand ir-rikorrenti li rrizultat li kellha xi kejl nieqes minn dak patwit fil-kuntratt, liema kejl ittiehed mill-gar tan-naha l-ohra;

1.3. Illi l-intimati sussegwentement intavolaw mandat t'inibizzjoni – numru 347/2006 – kontra r-rikorrenti biex jigu inibiti milli jagixxu kif hemm indikat;

1.4. Illi l-mandat indikat fil-paragrafu precedenti gie imnehhi fil-25 ta' Settembru, 2012;

1.5. Illi ghalhekk l-intimati bnew hajt tal-*"bricks"* fuq din l-art;

1.6. Illi l-istess intimati gew ikkundannati jnehhu l-istess hajt permezz ta' sentenza deciza fis-7 ta' Frar, 2012;

1.7. Illi l-mandat inhareg abuzivament u in *mala fede stante* li kienu jafu li l-art adjacenti tappartjeni lir-rikorrenti;

1.8. Illi l-imsemmi mandat ikkawza danni lir-rikorrenti;

1.9. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.9.1. Tiddikjara li l-intimati huma responsabbli ghad-danni kkagunati lir-rikorrenti bil-hrug tal-mandat t'inibizzjoni in dizamina;

1.9.2. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* biex jersqu ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni;

1.9.3. Bl-ispejjez kif dedotti mir-rikorrenti fl-istess rikors guramentat promotur;

2.0. Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimata datata z-17 ta' Settembru, 2013, li permezz taghha sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi l-intimati m'abbuzawx mid-drittijiet taghhom meta talbu u ottenew il-mandat t'inibizzjoni in dizamina;

2.3. Illi l-azzjoni *de quo* haduha biex jittutelaw id-drittijiet taghhom;

2.4. Illi in effetti, il-qorti tat ragun lill-intimati f'kawza appozita;

2.5. Illi hu stabbilit fil-gurisprudenza li min jagixxi ghar-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu, avolja sokkombenti, ma jistghax jitqies *"in colpa"*;

2.6. Illi in effetti l-qorti kienet gia` cahdet it-talba tar-rikorrenti fuq indikati ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni;

3. Rat id-digriet taghha datat l-20 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu, wara talba ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-terminu hemm indikat, (ara foll 181);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata t-13 ta' Jannar, 2015, (ara foll 196), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimati datata l-15 ta' Jannar, 2015, (ara foll 201);

5. Rat il-verbal ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat l-4 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq in-noti minnhom sottomessi;

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluz id-dikjarazzjoni guramentata pprezentata;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi analizi sintetiku tal-vertenza odjerna jista` jigi elenkat bil-mod segwenti:

8.1. Illi l-iskop ta' l-azzjoni odjerna intrapriza mir-rikorrenti hu li jigu risarciti ghad-danni minnhom hawn rikjamati wara li l-intimati ezercitaw id-dritt taghhom li jintavolaw mandat t'inibizzjoni li eventwalment ma giex avallat mill-qorti li ezaminatu;

8.2. Illi *di piu`*, jirrizulta li kien hemm diversi proceduri rispettivament introdotti mill-kontendenti kontra xulxin (ara foll 49 *et sequitur* u 65);

8.3. Illi pero` jirrizulta li l-procedura odjerna hi limitata mir-rikorrenti stess ghall-mandat t'inibizzjoni intavolat kontra taghhom mill-intimati, (Rikors Numru 347/2006), li eventwalment jirrizulta li ma giex milqugh;

8.4. Illi tenut kont ta' l-istess, ir-rikorrenti qed jekwiparaw tali azzjoni hekk rigettata ma' danni li allegatament gew sofferti minnhom;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi f'dan is-sens ghandu immedjatament jigi ribadit sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi min in *bona fede* jirrizulta li jkun legittimament jippersegwixxi d-drittijiet li jahseb li ghandu, ma jistghax

jinzamm responsabbli ghal xi danni li jistghu jigu allegati mill-kontro-parti;

9.2. Illi tali principju hu riflessjoni prattika ta' l-artiklu 1030 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu";

9.3. Illi kif ritenut fis-sentenzi citati mill-abbli rapprezentanti legali ta' l-intimati, (ara foll 202):

> "... non e` in colpa chi credendo in buona fede di possedere un diritto ne chieda al Tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca";

9.4. Illi *di piu`*, hu biss kif sancit fl-artiklu 1031 ta' l-istess Kap fuq riferit li:

> "... kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu";

Ikkunsidrat:

10. Illi in vista tal-premess, ghandu jkun pacifiku li meta wiehed jagixxi in *buona fede* u jintrapprendi azzjoni gudizzjarja li eventwalment ma thallix l-ezitu posittiv minnu sperat, dan fih innifsu biss, ma jwassalx ghall-fatt li awtomatikament ikun responsabbli ghal xi danni riskontrati mill-kontroparti;

11. Illi fil-kaz in dizamina il-*male fede* jew *colpa* meqjusa necessarja biex jiskatta l-operat indirizzat mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur ma jirrizultax li gew riskontrati *stante* li jirrizulta li z-zewg settijiet ta' kontendenti pedissewkement ippersegwew dak li huma qiesu bhala drittijiet taghhom fir-rigward;

12. Illi sodifatt dan, il-procedura odjerna inizzjata mir-rikorrenti ma treggix;

**DECIDE:**

13.0. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ppruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

13.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

13.2. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------